MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 655/2005

**Ballut Blocks Services Ltd (C-8360)**
**vs**

**Mark Darmanin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Marzu, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmintax-il lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm218.42), rapprezentanti prezz ta' ramel mibjugh u konsenjat mis-socjeta` attrici lill-konvenut.**
**Il-konvenut baqa' inadempjenti minkejja diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat mal-avviz, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-8 ta' Gunju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmintax-il lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm218.42) bl-imghax legali mis-27 ta' Mejju, 2005 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------